# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).

Illum 14 ta' Frar 2002.
Il-Pulizija,
(Spettur Jason Agius)
vs
Rosalind Sant'Angelo.

Ref: 212/00

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra Rosalind Sant'Angelo ta' 53 sena mart Louis bint Joseph Brimmer u Maria Vittoria (mejta) imwielda Hamrun u residenti Santa Lucia detentura tal-karta ta' l-identita` numru 302247(m);
Akkuzata talli f'Santa Lucia fit-18 ta' Jannar 2000:

1. dahlet f'dar, fond jew lok iehor jew f'recint cioe` numru 36 'Neil-Bell' Trig Iris, Sta Lucia, b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-Artikolu 264, 265 u 266 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm ma hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor ghad-detriment tal-kopja Pulis u dan bi ksur ta' l-Artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data u cirkostanzi bi hsara tal-kopja Pulis ghamlet vjolazzjoni tal-proprjeta` hawn fuq imsemmija, liema vjolazzjoni mhux imsemmija fi bnadi ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur tal l-Artikolu 340 tal-Kap 9 tal-Ligijiet tal Malta;

II-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-Ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti, liema talba mhux opposta mill-imputata;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jirrigwardaw vjolazzjoni tal-proprjeta` a bazi kemm ta' l-Artikolu 330 tal-Kap 9 u l-Artikolu 340 ta' l-istess. Huwa rilevanti li jigi puntwalizzat li mkien l-imputata mhi akkuzata b'serq kemm jekk aggravat jew semplici jew anki l-attentat tieghu li jfisser li l-provi in atti ghal dak li jikkoncerna xi allegat serq m'ghandhom u ma jistghux ikollhom ebda rilevanza fil-kuntest tal-akkuzi dedotti.

Il-fatti sakemm jinkwadraw u jirreferu ghall-akkuzi u li huma rilevanti huma fil-qosor is-segwenti:

- Il-fond li fih jinghad li saret il-vjolazzjoni hu dak tal-konjugi Pulis li ghandu numru 36 fi Triq Iris Sta Lucia;
- L-imputata tghix f'dar kontigwa ghal dan il-fond;

- Bin il-kwerelant jismu Nelson Pulis xehed li fit-18 ta' Jannar 2000 kien osserva l-imputata fil-fond tal-genituri tieghu u stqarr li ra hierga mill-ambjenti ta' taht it-tarag. Zied li l-imputata waqt li qaltlu li riedet tiehu basla telghet it-tarag u harget minn fuq il-bejt;
- Fir-rigward dan il-bieb tal-bejt tal-fond tal-kwerelanti rrizulta mill-provi li ma jinqafilx. Il-kwerelanta Catherine Pulis fil-fatt xehdet li mit-tlett bibien tal-ambjenti tal-bejt tal-fond taghha wiehed ma kienx jissakkar b'cavetta ghad-differenza taz-zewg bibien l-ohra li kellhom cavetta unika billi allegat li c-cavetta tal-bieb in kwistjoni kienet "insterqet" u kienet indunat b'dan f'Jannar 1999.
- Ebda zgass ma kien gie riskontrat anzi fi kliem il-kwerelant Paul Pulis dan qal li "zgass f'ebda okkazzjoni ma kien hemm".
- Certu Simon Vassallo xehed li f'xi gurnata f'Ottubru 1998 kien tkellem ma' l-imputata fl-ambjenti tal-'washroom' tal-fond fejn jabita ma' ohtu li hu attigwu mal-fond tal-kwerelanti minn naha l-ohra u dan meta l-imputata kienet sejhet lill-ohtu.
- L-imputata da parti taghha stqarret li kienet tidhol fl-ambjenti tal-bejt tal-kwerelanti u li gieli marret id-dar taghhom mill-ambjenti tal-bejt izda biss meta l-kwerelanta kienet issejhilha. Cahdet dak li stqarr bin l-kwerelanti u wkoll dak li stqarr Vassallo.

Ikkunsidrat:

Li mill-provi in atti l-ewwel akkuza assolutament ma treggix. L-Artikolu li fuqu hi ibbazata din l-akkuza jirrekjedi l-ezistenza ta' dhul permezz ta' ksur jigifieri "kull tbattija fl-art, ksur, hatt, hruq, qliegh, taghwig jew zgassar ta' hajt... saqaf, qofol, katnazz" jew permezz ta' imfietah foloz jew skalar.

Li relattivament l-akkuza ipottizata bhala kontravenzjonali u li titratta wkoll vjolazzjoni ta' proprjeta` din il-Qorti wara li kkunsidrat ix-xhieda kollha fl-assiem taghha mhix sufficjentement konvinta li dan verament sehh.

Ghaldaqstant u fuq il-massima "in dubbio pro reo" mhux qeghdha ssib l-imputata hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u qeghdha kwindi tilliberha minn kull htija u piena.

A.M Trigona
Magistrat

Niddikjara li ittraskrivejt fedelment u onestament is-sentenza.

Albert Calleja
Deputat Registratur.